MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 334/2003

**Blye Engineering Co. Ltd.**

**vs**

**Mark Micallef**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' Frar, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elf mija u tmienja u sebghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm1178.75) rappresentanti prezz ta' zewg *airconditioners* mibjughin lill-konvenut skond fattura datata 20 ta' Marzu 2002, esebita ma'l-avviz bhala Dokument A, bl-imghax kummercjali mid-data ta'l-istess fattura.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenutipprezentata fil-21 ta' Frar 2003, fejn huwa eccepixxa:

1. illi huwa ma huwiex il-legittimu kontradittur u ghalhekk ghandu jigi illiberat mill-osservanza tal-gudizzju.
2. Minghajr pregudizzju ghas suespost l-konvenut ma xtara xejn f'ismu mis-socjeta attrici. Illi l-konvenut ma ghandu ebda relazzjoni guridika mas-socjeta attrici.

Sema' x-xhieda ta' Raymond Mallia in rappresentanza tas-socjeta attrici u ta' Winston Spiteri, kif ukoll ta' Mark Micallef, Albino Formosa u ta' Giljan Agius.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-konvenut Mark Micallef kien lahaq ftehim ma' certu Giljan Agius sabiex jiehu hsieb l-arredament ta'l-appartament tieghu gewwa Tigne' tas-Sliema. Illi ghalkemm Giljan Agius jallega illi fil-ftehim milhuq bejniethom, Micallef kellu jiehu hsieb ilesti l-arredament ta' dan l-appartament sa l-inqas dettal, Micallef jargumenta fix-xhieda tieghu illi l-prezz ta'l-*airconditioning units* u l-installazzjoni ta'l-istess, kif ukoll il-hlasijiet tal-hajjata ma kienux inkluzi f'dan il-ftehim. Illi l-konvenut ezebixxa kopja ta' dan il-ftehim flimkien mal-*bill of quantities* immarkati bhala Dokumenti MM2 u MM3 a fol.25 u 26 tal-process li fih ma jirrizultax l-akkwist u l-istallazzjoni ta'l-*airconditioners* ghalkemm jidher illi l-*item* numru 12 huwa nieqes minn dan il-ftehim.

Illi jidher illi sussegwentent inqala' disgwid bejn l-konvenut u l-klijent tieghu Giljan Agius, tant illi illum hemm kawza pendenti bejniethom fuq bilanc li ghad fadal ihallas l-imsemmi Agius lil konvenut ghalkemm jidher illi dan id-disgwid ma ghandu xejn x'jaqsam mal-mertu ta' din il-kawza.

Illi mid-dokumenti esebieti mis-socjeta attrici jidher illi l-ordni ghal dawn l-*airconditioners* saret mill-konvenut Mark Micallef u anke giet accettata minnu fis-7 ta' Marzu 2002 (Dokument RM1). Tant hu hekk illi fl-20 ta' Marzu 2002 inhareg id-Dokument A esebit a fol.2 tal-process fuq isem

il-konvenut Mark Micallef. Minn imkien ma jirrizulta illi f'dak iz-zmien il-konvenut kien indika lis-socjeta attrici illi dawn l-airconditioners kienu qed jigu ordnati minn persuna ohra u mhux minnu. Kien biss sussegwentment meta inhareg il-kont u wara li kienu gew installati dawn il-units, illi l-konvenut informa lis-socjeta attrici illi huwa ma kellu xejn x'jaqsam ma' din l-ordni u li ghalhekk l-ammont ma kienx dovut minnu, izda mill-klijent tieghu Giljan Agius.

Ikkunsidra,

Illi mill-provi johrog car illi kien il-konvenut li kien ghamel in-negozjati mas-socjeta attrici, kien hu li ghazel l-airconditioning units u li accetta l-prezz ghall-istess. Fl-ebda mument ma jidher illi Giljan Agius kien parti minn dan il-ftehim. Hekk kif gie miftiehem il-prezz u l-oggett, il-bejgh gie konkluz u accettat tant illi l-konvenut anke iffirma id-dokument RM1 f'dan is-sens. Minn imkien ma jirrizulta illi huwa kien qieghed jagixxi ghan-nom ta' persuna ohra jew ta' xi socjeta kummercjali meta dan il-bejgh gie konkluz. Kien biss wara li gew installati l-airconditioners illi l-konvenut kien ta struzzjonijiet lis-socjeta attrici sabiex l-invoice tinhareg fuq isem Giljan Agius. Illi ghandu jinghad illi l-ftehim milhuq bejn il-konvenut u l-klijent tieghu huwa res inter alios acta u s-socjeta attrici ma tiffurmax parti mill-istess jew mill-kwistjonijiet li sussegwentment inqalghu bejn l-konvenut u Agius.

Illi inoltre l-konvenut jargumenta illi huwa qatt ma jagixxi f'ismu personali, izda dejjem ghan-nom tas-socjeta gestita minnu Proinvest Limited. Illi qabel xejn ghandu jinghad illi minn imkien mid-dokumenti esebiti ma jirrizulta illi l-konvenut jagixxi ghan-nom ta' xi socjeta b'responsabbilta limitata. Lanqas il-*letterheads* esebieti a fol.25 u 61 sa 65 tal-process ma jindikaw dan. Huwa l-konvenut li isemmi dan fil-kors tax-xhieda tieghu. Inoltre l-ebda wahda miz-zewg *invoices* (Dokument A u Dokument RM1), ma jindikaw illi l-konvenut kien qieghed jidher ghan-nom ta' xi socjeta kummercjali b'responsabbilta limitata.

Illi ghalhekk gialdarba l-konvenut fl-ebda mument, matul il-kors ta'l-ordni u konsenja tal-merkanzija ma hass li kellu

jinforma lis-socjeta attrici dwar dan kollu, huwa kien qieghed jidhol responsabbli personalment ghal hlas ta'l-istess.

Illi t-Tribunal jaghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta' Marzu 2002 fl-ismijiet Carmel Brand Co. Ltd. vs Michael Debono fejn inghad:
"Meta negozju jkun gestit minn socjeta b'reponsabbilta limitata, u ghaldaqstant minn persuna guridika indipendenti, huwa l-obbligu taghha li tindika dan fl-iktar mod car u inekwivoku lit-terzi li jkunu qeghdin jinnegozjaw maghha.
Tali indikazzjoni ghandha issir ukoll fuq l-*invoices*, *statements* ecc, relatati ma'l-akkwist maghmul minnha. Fin-nuqqas ta' tali indikazzjoni espressa it-terz ghandu kull dritt jippresumi li qieghed jinnegozja ma' individwu u fil-fehma tal-Qorti ma jistax jippretendi mod iehor.
Normalment, bniedem jikkuntratta ghalih innifsu sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor, jew jekk dana ma jindikax espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor. Il-piz tal-prova li min jikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel l-allegazzjoni."

Illi fil-fehma tat-Tribunal, l-konvenut ma irnexxielux jipprova illi n-negozju mertu tal-kawza sar ma' terza persuna u mhux mieghu u ghalhekk l-eccezzjonijiet minnu sollevati qed jigu respinti.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elf mija u tmienja u sebghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm1178.75), bl-imghaxijiet legali mill-20 ta' Marzu 2002.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------